SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

26 ta' Marzu 2026*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Unjoni doganali – Regolament (KEE) Nru 2913/92 – Kodiċi Doganali tal-Komunità – Proċeduri ta' importazzjoni u ta' esportazzjoni – Determinazzjoni tal-valur doganali – Artikolu 32(1)(a)(ii) u Artikolu 32(1)(b)(iv) – Aġġustament skont l-ispejjeż sostnuti mix-xerrej – Spejjeż li jirriżultaw minn servizzi intanġibbli ta' disinn ta' mudelli għall-istampar ta' tikketti mwaħħla fuq laned tal-ikel – Kunċett ta' 'kontenituri' – Servizzi intanġibbli pprovduti fit-territorju tal-Unjoni Ewropea"

Fil-Kawża C-307/23,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Bundesfinanzhof (il-Qorti Federali tal-Finanzi, il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tas-17 ta' Jannar 2023, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-17 ta' Mejju 2023, fil-proċedura

G GmbH

vs

Hauptzollamt H,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn F. Bilgen, President tal-Awla, I. Ziemele (Relatriċi), A. Kumin, S. Gervasoni u M. Bošnjak, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Szpunar,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal G GmbH, minn L. Harings, Rechtsanwalt,

– għal Hauptzollamt H, minn S. Hein,

– għall-Gvern Franċiż, minn G. Bain, J.-L. Carré u B. Fodda, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn B. Eggers u F. Moro, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2025,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 32(1)(a)(ii) u l-Artikolu 32(1)(b)(iv) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol.4, p. 307) (iktar 'il quddiem il-"Kodiċi Doganali").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn G GmbH u l-Hauptzollamt H dwar l-irkupru *a posteriori* ta' dazji fuq l-importazzjoni li jikkonċernaw tikketti mwaħħla fuq laned tal-ikel.

Il-kuntest ġuridiku

3 L-Artikolu 29(1) tal-Kodiċi Doganali jipprovdi:

"Il-valur doganali ta' merkanzija importata għandu jkun il-valur tat-transazzjoni, jiġifieri, il-prezz effettivament imħallas jew li għandu jitħallas għall-merkanzija meta tinbiegħ għall-esportazzjoni lit-territorju doganali tal-Komunità [Ekonomika Ewropea], aġġustat, fejn ikun meħtieġ, skond l-Artikoli 32 u 33 […]"

4 L-Artikolu 32 ta' dan il-kodiċi jiddisponi:

"1. Waqt li jkun qed jiġi stabbilit il-valur doganali taħt l-Artikolu 29, għandu jiżdied mal-prezz effettivament imħallas jew li għandu jitħallas għall-merkanzija importata:

(a) li ġejjin, sal-punt li jkunu ġew inkorsi mix-xerrej iżda m'humiex inklużi fil-prezz effettivament imħallas jew li għandu jitħallas għall-merkanzija:
   (i) kummissjonijiet u senserija, minbarra kummissjonijiet tax-xiri,
   (ii) il-prezz ta' kontenituri li jiġu kkunsidrati bħala ħaġa waħda, għall-iskopijiet doganali, mal-merkanzija kkonċernata,
   (iii) il-prezz ta' l-ippakkjar, sew jekk xogħol jew materjali;

(b) il-valur, imqassam kif xieraq, tal-merkanzija u servizzi fejn provduti direttament jew indirettament mix-xerrej mingħajr ħlas jew bi prezz imraħħas għall-użu fir-rigward tal-produzzjoni u bejgħ għall-esportazzjoni ta' merkanzija importanti, sal-punt illi dak il-valur ma jkunx ġie inkluż fil-prezz effettivament imħallas jew li għandu jitħallas:
   (i) materjali, komponenti, partijiet u oġġetti simili inkorporati fil-merkanzija importata;
   (ii) għodda, forom u oġġetti simili wzati fil-produzzjoni tal-merkanzija importata;
   (iii) materjali kkonsmati fil-produzzjoni tal-merkanzija importata,
   (iv) inġinerija, żvilupp, illustrazzjoni, xogħol ta' disinn, u pjanti u abbozzi, magħmula f'post ieħor barra l-Komunità u meħtieġa għall-produzzjoni tal-merkanzija importata;

[…]"

5 In-Nomenklatura Magħquda li tinsab fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 382), tinkludi, fit-Taqsima I tal-Parti I tagħha, is-Sottotaqsima A intitolata "Regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda". Ir-regola ġenerali 5 dwar il-klassifikazzjoni tal-merkanzija hija fformulata kif ġej:

"Bħala żieda mad-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq, ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw fir-rigward ta' oġġetti msemmijin fihom:

(a) cases għall-kameras, cases għall-istrumenti mużikali, cases għall-ixkubetti, cases għall-istrumenti tat-tpinġija, cases għall-ġiżirajjen u kontenituri simili, iffurmati jew armati apposta biex iżommu oġġett speċifiku jew sett ta' oġġetti, kif xieraq għall-użu fit-tul u ppreżentati mal-oġġetti li huma intiżi għalihom, għandhom ikunu kklassifikati ma' tali oġġetti meta jkunu tat-tip li normalment jinbiegħ magħhom. Din ir-regola, madankollu, ma tapplikax għal kontenituri li jagħtu lill-oġġett intier il-karattru essenzjali tiegħu;

(b) soġġetti għad-dispożizzjonijiet tar-regola 5(a), il-materjali u l-kontenituri tal-ippakkjar […] ippreżentati mal-oġġetti ta' ġo fihom għandhom ikunu kklassifikati mal-oġġetti jekk huma tat-tip li normalment jintużaw fl-ippakkjar ta' oġġetti bħal dawn. Madankollu, din id-dispożizzjoni mhix vinkolanti meta dawn il-materjali jew kontenituri tal-ippakkjar jidhru biċ-ċar li huma xierqa għall-użu repetittiv."

6 In-nota ta' qiegħ il-paġna 1, li tinsab taħt ir-regola ġenerali 5, tippreċiża li "materjali tal-ippakkjar" u "kontenituri tal-ippakkjar" ifissru kwalunkwe kontenituri, holders, sarr jew irfid, esterni jew interni, għajr l-apparat għat-trasport, b'mod partikolari, kontenituri, it-tarpolini, it-taljoli jew tagħmir tat-trasport anċillari. Dan it-terminu ma jkoprix il-kontenituri msemmija fir-regola ġenerali 5(a).

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

7 Mit-12 ta' Diċembru 2012 sat-30 ta' Mejju 2013, G, proprjetarja ta' maħżen doganali li jinsab fil-Ġermanja, wettqet għaxar operazzjonijiet ta' żdoganar ta' prodotti tal-ikel f'laned li jinżammu għal żmien twil mibjugħa minn fornituri ta' pajjiżi terzi, bl-għan tar-rilaxx tagħhom għal ċirkulazzjoni libera fil-kuntest tal-proċedura ta' rilaxx favur xerrej. Ix-xerrej kien iqiegħed għad-dispożizzjoni tal-fornituri, mingħajr ħlas u f'forma elettronika, il-mudelli għall-istampar li jservu bħala mudell għall-produzzjoni tat-tikketti intiżi li jitwaħħlu fuq il-laned. Dawn it-tikketti kienu jiġu stampati u mwaħħla fuq il-laned mill-fornituri. Il-mudelli għall-istampar tal-imsemmija tikketti kienu ġew prodotti minn diversi studios tad-disinn fil-Ġermanja f'isem ix-xerrej u bi spejjeż tiegħu.

8 Il-valuri doganali ddikjarati kienu jindikaw l-ammont li kellu jitħallas mix-xerrej lill-fornituri skont it-termini kuntrattwali li kienu jorbtuhom, inkluż, minbarra l-ispiża tal-prodotti tal-ikel, dak tal-imballaġġ għall-bejgħ bl-imnut fil-laned, kif ukoll dak marbut mal-istampar u t-twaħħil tat-tikketti, bl-esklużjoni tal-ispejjeż, sostnuti mix-xerrej, relatati mad-disinn tal-mudelli għall-istampar.

9 Permezz ta' avviż ta' taxxa, maħruġa fl-20 ta' Frar 2014, il-Hauptzollamt H irkupra *a posteriori* d-dazji doganali, fl-ammont ta' EUR 1 412.61, li kienu jikkorrispondu għall-inklużjoni fil-valuri doganali ddikjarati tal-ispejjeż relatati mad-disinn tal-mudelli għall-istampar tat-tikketti mwaħħla fuq il-laned.

10 Ir-rikors ippreżentat minn G kontra dan l-avviż ġie miċħud minn qorti tal-ewwel istanza, minħabba li t-tikketta li tiddeskrivi l-kontenut tal-landa u li tirriklamah hija inseparabbli mill-landa nnifisha bħala kontenitur, fis-sens tal-Artikolu 32(1)(a)(ii) tal-Kodiċi Doganali.

11 Il-Bundesfinanzhof (il-Qorti Federali tal-Finanzi, il-Ġermanja), li hija l-qorti tar-rinviju, ġiet adita minn G b'appell mis-sentenza tal-ewwel istanza. Din il-qorti tirrileva li l-valur doganali ta' merkanzija importata fit-territorju tal-Unjoni Ewropea huwa ddeterminat abbażi tal-valur ta' tranżazzjoni, li miegħu jiżdiedu l-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 32 tal-Kodiċi Doganali.

12 Skont l-imsemmija qorti, ma hemmx dubju li l-laned użati minn G huma "konteniturі", fis-sens tal-Artikolu 32(1)(a)(ii) ta' dan il-kodiċi, li l-ispejjeż tal-manifattura tagħhom, inklużi dawk marbuta mal-landa nnifisha kif ukoll mal-istampar u mat-twaħħil tat-tikketta fuqha, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għad-determinazzjoni tal-valur doganali peress li din it-tikketta tifforma unità indiviżibbli mal-landa.

13 Madankollu, hija tirrileva li tali konklużjoni ma hijiex ovvja f'dak li jirrigwarda l-ispejjeż marbuta mas-servizzi intanġibbli ta' disinn tal-mudelli għall-istampar tat-tikketti mwaħħla fuq dawn il-laned. Fil-fatt, is-servizzi neċessarji għal dan id-disinn jistgħu jaqgħu taħt "inġinerija, żvilupp, illustrazzjoni, xogħol ta' disinn, u pjanti u abbozzi,", imsemmija fl-Artikolu 32(1)(b)(iv) tal-imsemmi kodiċi.

14 Madankollu, f'din l-ipoteżi, skont din id-dispożizzjoni, l-aġġustament tal-valur doganali skont l-ispejjeż relatati ma' dawn is-servizzi huwa impost biss bil-kundizzjoni li l-imsemmija servizzi jkunu ġew provduti barra mit-territorju tal-Unjoni, li ma huwiex il-każ hawnhekk, peress li l-mudelli għall-istampar inkwistjoni huma ddisinjati fil-Ġermanja.

15 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Bundesfinanzhof (il-Qorti Federali tal-Finanzi) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejja:

"L-ispejjeż għall-ħolqien ta' mudelli għall-istampar ta' tikketti fit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea għandhom jiżdiedu mal-valur tat-tranżazzjoni, skont l-Artikolu 32(1)(a)(ii) jew l-Artikolu 32(1)(b)(iv) [tal-Kodiċi Doganali], meta x-xerrejja stabbilita fit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea tqiegħed il-mudelli għad-dispożizzjoni b'xejn, fil-format elettroniku, tal-fornituri fil-pajjiż terz?"

Fuq id-domanda preliminari

16 Permezz tad-domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi, jekk l-Artikolu 32(1)(a)(ii) u l-Artikolu 32(1)(b)(iv) tal-Kodiċi Doganali għandhomx jiġu interpretati fis-sens li l-ispejjeż li jirriżultaw minn servizzi intanġibbli ta' disinn ta' mudelli għall-istampar ta' tikketti mwaħħla fuq laned tal-ikel importati fit-territorju tal-Unjoni għandhom jiżdiedu mal-prezz effettivament imħallas jew li għandu jitħallas għal din il-merkanzija importata, meta dawn il-mudelli għall-istampar jkunu tħejjew fuq talba u bi spejjeż tax-xerrej fit-territorju tal-Unjoni u mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-fornituri f'forma elettronika mingħajr ħlas.

17 Peress li l-Kodiċi Doganali ma jiddefinixxix espressament il-mod li bih tali spejjeż għandhom jiġu ttrattati għall-finijiet doganali, hemm lok li d-dispożizzjonijiet imsemmija f'din id-domanda jiġu interpretati billi jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem tagħhom, iżda wkoll il-kuntest tagħhom u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li jagħmlu parti minnha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Diċembru 2025, Storstockholms Lokaltrafik, C-422/24, EU:C:2025:980, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

18 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-formulazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, l-Artikolu 32(1)(a)(ii) tal-Kodiċi Doganali jipprevedi li, sabiex jiġi ddeterminat il-valur doganali, għandhom jiżdiedu mal-prezz effettivament imħallas jew li għandu jitħallas għall-merkanzija importata l-"prezz ta'kontenituri li jiġu kkunsidrati bħala ħaġa waħda, għall-iskopijiet doganali, mal-merkanzija kkonċernata".

19 Skont l-Artikolu 32(1)(b)(iv) ta' dan il-kodiċi, għandu jiżdied ukoll mal-prezz effettivament imħallas jew li għandu jitħallas għall-merkanzija importata l-valur tal-"inġinerija, żvilupp, illustrazzjoni, xogħol ta' disinn, u pjanti u abbozzi", użati waqt il-produzzjoni u l-bejgħ għall-esportazzjoni tal-merkanzija importata, meta dawn il-prodotti u servizzi jkunu pprovduti direttament jew indirettament mix-xerrej, mingħajr ħlas jew bi prezz imnaqqas, bil-kundizzjoni li dawn ikunu twettqu "barra mit-territorju tal-Komunità" u li jkunu "meħtieġa għall-produzzjoni tal-merkanzija importata".

20 Għall-finijiet tad-distinzjoni tal-kampijiet ta' applikazzjoni rispettivi ta' dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet, għandu jiġi enfasizzat li l-Artikolu 32(1)(b)(iv) tal-imsemmi kodiċi jirrigwarda l-ispejjeż tal-prodotti u tas-servizzi neċessarji għall-produzzjoni tal-"merkanzija importata", filwaqt li l-Artikolu 32(1)(a)(ii) tal-istess kodiċi jirreferi għall-prezz tal-"kontenituri li jiġu kkunsidrati bħala ħaġa waħda, għall-iskopijiet doganali, mal-merkanzija kkonċernata".

21 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-valur doganali tal-merkanzija inkwistjoni fil-kawża prinċipali ġie ddikjarat minn G billi ħadet inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, l-ispiża tal-kontenitur tagħha, jiġifieri l-ispejjeż tal-produzzjoni tal-laned kif ukoll l-ispejjeż tal-istampar tat-tikketti li huma mwaħħla fuq dawn il-laned, mingħajr, madankollu, ma ħadet inkunsiderazzjoni l-ispejjeż li jirriżultaw mis-servizzi intanġibbli ta' disinn ta' dawn it-tikketti.

22 Il-klassifikazzjoni bħala "prodotti u servizzi", fis-sens tal-Artikolu 32(1)(b) tal-Kodiċi Doganali, mogħtija lis-servizzi intanġibbli neċessarji għad-disinn tal-mudelli għall-istampar imqiegħda għad-dispożizzjoni tal-forniturі tal-merkanzija importata f'forma elettronika għall-istampar tat-tikketti inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma hijiex ikkontestata quddiem il-qorti tar-rinviju. F'dan ir-rigward, ġie deċiż li, peress li l-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni tirreferi espressament għall-"prodotti" jew għas-"servizzi", il-kamp ta' applikazzjoni tagħha ma huwiex limitat għall-oġġetti materjali (sentenza tal-10 ta' Settembru 2020, BMW, C-509/19, EU:C:2020:694, punt 18).

23 Madankollu, hekk kif tfakkar fil-punt 20 tas-sentenza preżenti, l-Artikolu 32(1)(b)(iv) ta' dan il-kodiċi jirreferi għall-ispejjeż tal-prodotti u tas-servizzi neċessarji għall-produzzjoni tal-"merkanzija importata".

24 Il-formulazzjoni tal-Artikolu 32(1)(a)(ii) tal-imsemmi kodiċi tistabbilixxi, mill-banda l-oħra, distinzjoni bejn din il-merkanzija u l-"kontenituri" tagħha, fejn din id-dispożizzjoni ssemmi espliċitament dan it-terminu.

25 F'dan ir-rigward, skont in-nota ta' qiegħ il-paġna 1 li tinsab taħt ir-regola ġenerali 5, inkluża fis-Sottotaqsima A tat-Taqsima 1 tal-Parti 1 tan-Nomenklatura Magħquda li tifforma l-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87, il-kelma "kontenitur" hija assoċjata mat-terminu "imballaġġ", sa fejn dan tal-aħħar jindika l-"konteniturі, holders, sarr jew irfid — esterni jew interni". Barra minn hekk, konformement mal-ġurisprudenza, il-kunċett ta' "imballaġġ" ikopri konteniturі li huma adattati mhux biss għat-trasport tal-prodotti, iżda wkoll għall-ħażna u għall-kummerċjalizzazzjoni tagħhom (sentenza tal-5 ta' Ottubru 1988, Schmid, 357/87, EU:C:1988:478, punt 8).

26 Issa, sa fejn is-servizzi intanġibbli marbuta mad-disinn tal-mudelli għall-istampar tat-tikketti msemmija fid-deċiżjoni tar-rinviju huma intiżi għall-istampar tat-tikketti mwaħħla fuq il-laned importati, il-formulazzjoni tal-Artikolu 32(1)(a)(ii) tal-Kodiċi Doganali ma teskludix li l-ispejjeż li jirriżultaw minnhom jistgħu jkunu rekatati mal-"konteniturі", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, sa fejn dawn il-mudelli għall-istampar jikkostitwixxu effettivament element marbut mill-qrib ma' dawn il-konteniturі.

27 F'dan ir-rigward, il-kwistjoni dwar jekk dawn it-tikketti jistgħux jiġu sseparati mill-laned ma tistax tkun deċiżiva għal tali evalwazzjoni. Fil-fatt, it-tikketti jipprovdu informazzjoni b'mod partikolari dwar dak li fihom il-laned tal-ikel importati, dwar il-perijodu ta' konservazzjoni tagħhom, jew saħansitra rakkomandazzjonijiet dwar it-tisjir u/jew il-konsum tal-kontenut tagħhom, li huma neċessarji għall-kummerċjalizzazzjoni tagħhom u jistgħu, jekk ikun il-każ, jiffaċilitaw l-użu tagħhom.

28 Madankollu, l-assenza ta' tikketti mwaħħla fuq il-laned ma tirrendix, bħala prinċipju, il-kontenut tagħhom inutilizzabbli, b'tali mod li dawn it-tikketti ma jistgħux jitqiesu li jagħmlu parti integrali mill-kontenut ta' dawn il-laned, u lanqas li huma neċessarji għall-produzzjoni tagħhom fis-sens tal-Artikolu 32(1)(b)(iv) tal-imsemmi kodiċi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Settembru 2020, BMW, C-509/19, EU:C:2020:694, punt 20).

29 Minn dan isegwi li, minkejja l-fatt li la l-formulazzjoni tal-Artikolu 32(1)(a)(ii) tal-Kodiċi Doganali u lanqas dik tal-Artikolu 32(1)(b)(iv) ta' dan il-kodiċi ma tinkludi indikazzjoni ċara dwar il-mod kif l-ispejjeż li jirriżultaw mis-servizzi intanġibbli ta' disinn ta' mudelli għall-istampar ta' tikketti mwaħħla fuq il-laned tal-ikel għandhom jiġu ttrattati għall-finijiet doganali, dawn l-ispejjeż jistgħu jaqgħu taħt il-kategorija tal-ispejjeż tal-konteniturі, fis-sens tal-Artikolu 32(1)(a)(ii) ta' dan il-kodiċi, ladarba teżisti rabta mill-qrib bejn dawn il-mudelli għall-istampar u l-konteniturі li jikkostitwixxu dawn il-laned tal-ikel, aspett li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

30 Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-kuntest tal-Artikolu 32(1)(a)(ii) u l-Artikolu 32(1)(b)(iv) tal-imsemmi kodiċi kif ukoll tal-istruttura ta' dawn id-dispożizzjonijiet, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 29 tal-istess kodiċi, il-valur doganali tal-merkanzija importata huwa kkostitwit mill-valur tat-tranżazzjoni tagħha, jiġifieri l-prezz effettivament imħallas jew li għandu jitħallas għall-merkanzija meta din tinbiegħ għall-esportazzjoni lejn it-territorju doganali tal-Unjoni, bla ħsara, madankollu, għall-aġġustamenti li għandhom, jekk ikun il-każ, jitwettqu konformement, b'mod partikolari, mal-Artikolu 32 tal-Kodiċi Doganali (sentenza tad-9 ta' Ġunju 2022, Baltic Master, C-599/20, EU:C:2022:457, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata).

31 Hekk kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġà indikat, il-valur doganali għandu jiġi ddeterminat, bi prijorità, skont il-metodu msejjaħ "tal-valur ta' tranżazzjoni" tal-merkanzija importata. Dan il-metodu għad-determinazzjoni tal-valur doganali huwa għalhekk meqjus bħala l-iktar wieħed adattat u l-iktar wieħed użat ta' spiss (sentenza tad-9 ta' Ġunju 2022, Baltic Master, C-599/20, EU:C:2022:457, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 Il-prezz effettivament imħallas jew li għandu jitħallas għall-merkanzija importata jikkostitwixxi għalhekk, bħala regola ġenerali, il-bażi ta' kalkolu tal-valur doganali, anki jekk dan il-prezz huwa element li għandu eventwalment jiġi aġġustat (ara s-sentenza tad-9 ta' Ġunju 2022, Baltic Master (C-599/20, EU:C:2022:457, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 B'mod partikolari, l-elementi li għandhom jiżdiedu mal-prezz effettivament imħallas jew li għandu jitħallas għall-merkanzija importata, sabiex jiġi ddeterminat il-valur doganali tagħha, huma stabbiliti fl-Artikolu 32 tal-Kodiċi Doganali.

34 F'dan ir-rigward, hekk kif ġie enfasizzat fil-punt 20 tas-sentenza preżenti, l-Artikolu 32(1)(a)(ii) ta' dan il-kodiċi jirrigwarda speċifikament il-"kontenituri" tal-merkanzija importata, filwaqt li l-Artikolu 32(1)(b)(iv) tal-imsemmi kodiċi jirrigwarda, mill-banda l-oħra, il-valur tax-xogħlijiet neċessarji għall-produzzjoni tal-"merkanzija importata" b'mod ġenerali.

35 B'dan il-mod, l-Artikolu 32(1)(a)(ii) tal-Kodiċi Doganali jistabbilixxi regola speċifika ta' aġġustament tal-valur doganali tal-merkanzija importata skont l-ispejjeż li juri rabta mill-qrib mal-kontenut tagħha, tkun xi tkun in-natura tas-servizzi li għalihom jirreferu dawn l-ispejjeż, għall-kuntrarju tal-Artikolu 32(1)(b)(iv) ta' dan il-kodiċi li jipprevedi aġġustament skont is-servizzi intanġibbli neċessarji għall-produzzjoni tal-merkanzija importata, mingħajr distinzjoni speċifika bejn il-merkanzija nnifisha u l-kontenituri tagħha.

36 Għalkemm, għall-aġġustament tal-valur doganali tal-"merkanzija importata", fis-sens tal-Artikolu 32(1)(b) tal-Kodiċi Doganali, din id-dispożizzjoni tinkludi, fil-punt (iv) tagħha, preċiżazzjoni ġeografika espliċita f'dak li jirrigwarda l-post ta' eżekuzzjoni tas-servizzi intanġibbli msemmija fih, l-Artikolu 32(1)(a)(ii) ta' dan il-kodiċi ma jipprovdi ebda preċiżazzjoni ekwivalenti f'dak li jirrigwarda l-aġġustament eventwali ta' dan il-valur skont l-ispejjeż ta' manifattura tal-kontenituri ta' din il-merkanzija. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-leġiżlatur tal-Unjoni ried jintroduċi sistema ta' aġġustament distinta skont jekk l-ispejjeż inkwistjoni jikkonċernawx servizzi intanġibbli li għandhom rabta mill-qrib mal-kontenituri tal-merkanzija importata jew jekk jikkonċernawx tali servizzi meta dawn ikunu neċessarji għall-produzzjoni tal-merkanzija importata stess.

37 Issa, l-ispeċifiċità tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 32(1)(a)(ii) tal-Kodiċi Doganali timmilita favur l-issuġġettar tal-ispejjeż relatati mas-servizzi intanġibbli marbuta mill-qrib mal-kontenituri tal-merkanzija importata għall-istess sistema ta' aġġustament tal-valur doganali bħal dik irriżervata għall-ispejjeż relatati mal-prodotti u mas-servizzi tanġibbli neċessarji għall-manifattura ta' dawn il-kontenituri. F'dan il-kuntest, l-applikazzjoni ta' sistema ta' aġġustament differenti għall-ispejjeż li jirriżultaw minn dawn is-servizzi intanġibbli kienet teħtieġ riferiment espress f'dan is-sens min-naħa tal-leġiżlatur tal-Unjoni, bħal dik li tinsab fl-Artikolu 32(1)(b)(iv) ta' dan il-kodiċi f'dak li jirrigwarda l-prodotti u s-servizzi neċessarji għall-produzzjoni tal-merkanzija importata.

38 Għaldaqstant, għandu jitqies li l-Artikolu 32(1)(a)(ii) tal-imsemmi kodiċi japplika għall-ispejjeż kollha marbuta mill-qrib mal-manifattura tal-kontenituri tal-merkanzija, hekk kif jidher li huwa l-każ tal-ispejjeż li jirriżultaw mis-servizzi intanġibbli ta' disinn tal-mudelli għall-istampar inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

39 Fit-tielet lok, ir-regoli tal-Kodiċi Doganali dwar id-determinazzjoni tal-valur doganali għandhom l-għan li jistabbilixxu sistema ekwa, uniformi u newtrali li teskludi l-użu ta' valuri doganali arbitrarji jew fittizji. Fil-fatt, il-valur doganali għandu jirrifletti l-valur ekonomiku reali ta' merkanzija importata u, għaldaqstant, għandu jieħu inkunsiderazzjoni l-elementi kollha ta' din il-merkanzija li għandhom valur ekonomiku (sentenza tad-9 ta' Ġunju 2022, Baltic Master, C-599/20, EU:C:2022:457, punt 24).

40 F'dan ir-rigward, ma huwiex ikkontestat li s-servizzi intanġibbli ta' disinn tal-mudelli għall-istampar ta' tikketti mwaħħla fuq il-laned għandhom valur ekonomiku ċert u li jista' jiġi kkwantifikat. Issa, it-teħid inkunsiderazzjoni tal-ispejjeż ta' tali servizzi jikkontribwixxi għat-twettiq tal-għan ta' determinazzjoni ta' valur doganali li jikkorrispondi għall-valur ekonomiku reali tal-merkanzija importata.

41 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 32(1)(a)(ii) u l-Artikolu 32(1)(b)(iv) tal-Kodiċi Doganali għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-ispejjeż li jirriżultaw minn servizzi intanġibbli ta' disinn ta' mudelli għall-istampar ta' tikketti mwaħħla fuq l-laned tal-ikel importati fit-territorju tal-Unjoni għandhom jiżdiedu mal-prezz effettivament imħallas jew li għandu jitħallas għal din il-merkanzija importata, meta dawn il-mudelli jkunu tħejjew fuq talba u bi spejjeż tax-xerrej fit-territorju tal-Unjoni u jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-fornituri f'forma elettronika mingħajr ħlas, bil-kundizzjoni li l-imsemmija mudelli għall-istampar ikunu marbuta mill-qrib mal-kontenituri tal-merkanzija importata.

Fuq l-ispejjeż

42 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 32(1)(a)(ii) u l-Artikolu 32(1)(b)(iv) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità,

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

l-ispejjeż li jirriżultaw minn servizzi intanġibbli ta' disinn ta' mudelli għall-istampar ta' tikketti mwaħħla fuq l-laned tal-ikel importati fit-territorju tal-Unjoni Ewropea għandhom jiżdiedu mal-prezz effettivament imħallas jew li għandu jitħallas għal din il-merkanzija importata, meta dawn il-mudelli jkunu tħejjew fuq talba u bi spejjeż tax-xerrej fit-territorju tal-Unjoni u jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-fornituri f'forma elettronika mingħajr ħlas, bil-kundizzjoni li l-imsemmija mudelli għall-istampar ikunu marbuta mill-qrib mal-kontenituri tal-merkanzija importata.

Firem